9.6.2021

B9-0347/2021 }
B9-0348/2021 }
B9-0351/2021 }
B9-0352/2021 }
B9-0360/2021 } RC1/Em. 15

**Emenda 15**
**Andrius Kubilius**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, ECR**
L-elenkar ta' NGOs Ġermaniżi bħala "organizzazzjonijiet mhux mixtieqa" mir-Russja u d-detenzjoni ta' Andrei Pivovarov

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 1 – punt c**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| c. itemmu l-prosekuzzjonijiet kriminali kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivisti skont il-liġi dwar l-"aġenti barranin" u dik dwar l-"organizzazzjonijiet mhux mixtieqa", jirrevokaw din il-leġiżlazzjoni diskriminatorja u jreġġgħu lura d-deċiżjoni tal-Prosekutur Ġenerali Russu li jelenka tliet NGOs Ġermaniżi bħala "mhux mixtieqa"; | c. itemmu l-prosekuzzjonijiet kriminali kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivisti skont il-liġi dwar l-"aġenti barranin" u dik dwar l-"organizzazzjonijiet mhux mixtieqa", jirrevokaw din il-leġiżlazzjoni diskriminatorja u jreġġgħu lura d-deċiżjoni tal-Prosekutur Ġenerali Russu li jelenka tliet NGOs Ġermaniżi bħala "mhux mixtieqa"***, kif ukoll NGOs barranin oħrajn, b'kollox 34***; |

Or. en

9.6.2021

B9-0347/2021 }
B9-0348/2021 }
B9-0351/2021 }
B9-0360/2021 }
B9-0360/2021 } RC1/Em. 16

**Emenda 16**
**Andrius Kubilius**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, ECR**
L-elenkar ta' NGOs Ġermaniżi bħala "organizzazzjonijiet mhux mixtieqa" mir-Russja u d-detenzjoni ta' Andrei Pivovarov

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 2 – punt l**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| l. l-evitar li tingħata leġittimità lil uffiċjali li huma responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni, billi jiġi żgurat, pereżempju, li l-ambaxxaturi u l-viżitaturi ta' livell għoli jevitaw laqgħat diskrezzjonali ma' uffiċjali involuti fir-repressjoni, fost l-oħrajn, ma' membri tad-Duma tal-Istat involuti fl-abbozzar tal-liġi dwar l-"aġenti barranin", bħal Andrei Klimov; | l. l-evitar li tingħata leġittimità lil uffiċjali li huma responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni, billi jiġi żgurat, pereżempju, li l-ambaxxaturi u l-viżitaturi ta' livell għoli jevitaw laqgħat diskrezzjonali ma' uffiċjali involuti fir-repressjoni, fost l-oħrajn, ma' membri tad-Duma tal-Istat involuti fl-abbozzar tal-liġi dwar l-"aġenti barranin", bħal Andrei Klimov; ***il-monitoraġġ, f'dan ir-rigward, ta' fora bilaterali bħad-Djalogu ta' Trianon u d-Djalogu ta' Sochi; il-valutazzjoni tal-interruzzjoni tagħhom fuq l-eżempju tad-Djalogu ta' Pietruburgu, li ddeċieda li jieqaf jiltaqa' sakemm uħud mill-membri tiegħu jibqgħu jġarrbu diskriminazzjoni bħala "organizzazzjonijiet barranin mhux mixtieqa";*** |

Or. en